SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

8 ta’ Mejju 2013*

“Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 18(ċ), 74 u 80 — Waqfien tal-attività ekonomika taxxabbli — Tħassir tal-persuna taxxabbli mir-reġistru tal-VAT mill-awtorità tat-taxxa — Żamma ta’ oġġetti li tat lok għat-tnaqqis tal-VAT — Valur taxxabbli — Valur tas-suq miftuħ jew valur tax-xiri — Stabbiliment fil-mument tat-tranżazzjoni — Effett dirett tal-Artikolu 74”

Fil-Kawża C-142/12,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Administrativen sad Varna (il-Bulgarija), permezz ta’ deċiżjoni tad-9 ta’ Marzu 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta’ Marzu 2012, fil-proċedura

**Hristomir Marinov,** li qiegħed jaġixxi f’isem Lampatov – H – Hristomir Marinov,

vs

**Direktor na Direktsia “Obzhalvane i upravlenie na izpalnenieto” – grad Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalna agentsia za prihodite,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn E. Jarašiūnas (Relatur), President tal-Awla, A. Ó Caoimh u C. Toader, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għad-Direktor na Direktsia “Obzhalvane i upravlenie na izpalnenieto” – grad Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalna agentsia za prihodite, minn S. Zlateva, bħala aġent,

— għall-Gvern Bulgaru, minn Y. Atanasov u T. Ivanov, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Roussanov u C. Soulay, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema’ l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata’ mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 18(ċ), 74 u 80 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-VAT").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn H. Marinov, li qiegħed jaġixxi f'isem Lampatov – H – Hristomir Marinov (iktar 'il quddiem "Marinov") u d-Direktor na Direktsia "Obzhalvane i upravlenie na izpalnenieto" – grad Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalna agentsia za prihodite (Direttur tad-Direttorat "Kontestazzjonijiet u ġestjoni tal-eżekuzzjoni" għall-belt ta' Varna fi ħdan l-awtorità ċentrali tal-Aġenzija nazzjonali tad-dħul pubbliku, iktar 'il quddiem id-"Direttur") dwar avviż ta' aġġustament fiskali dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT").

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 18 tad-Direttiva tal-VAT jipprovdi:

"L-Istati Membri jistgħu iqisu kull waħda mit-transazzjonijiet li ġejjin bħala provvista ta' merkanzija bi ħlas:

(a) l-applikazzjoni minn persuna taxxabbli għal skopijiet tan-negozju tagħha ta' merkanzija magħmula, maħduma, estratta, ipproċessata, mixtrija jew importata matul tali negozju, fejn il-VAT fuq din il-merkanzija, kieku kienet ġiet akkwistata minn persuna oħra taxxabbli, ma tkunx deduċibbli kollha;

(b) l-applikazzjoni ta' merkanzija minn persuna taxxabbli għal skopijiet ta' qasam ta' attività mhux taxxabbli, fejn il-VAT fuq din il-merkanzija saret deduċibbli kollha jew f'parti ma' l-akkwist tagħha jew ma' l-applikazzjoni tagħha skond il-punt (a);

(ċ) bl-eċċezzjoni tal-każijiet imsemmija fl-Artikolu 19, iż-żamma tal-merkanzija minn persuna taxxabbli, jew l-eredi tagħha, fejn hi tieqaf milli twettaq attività ekonomika taxxabbli, fejn il-VAT fuq tali merkanzija saret deduċibbli kollha jew parti minnha ma' l-akkwist tagħha jew ma' l-applikazzjoni tagħha skond il-punt (a)."

4 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 19 ta' din id-direttiva:

"F'każ ta' trasferiment, bi ħlas jew mingħajr jew bħala kontribuzzjoni lil kumpannija, ta' l-assi kollha jew parti minnhom, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li ma tkunx saret provvista ta' merkanzija u li l-persuna li lilha tkun ġiet ittrasferita l-merkanzija għandha tkun trattata bħala s-suċċessur ta' min jagħmel it-trasferiment."

5 L-Artikolu 72 tad-Direttiva tal-VAT jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, 'valur tas-suq miftuħ' għandha tfisser l-ammont sħiħ li, sabiex jakkwista l-merkanzija jew is-servizzi konċernati, klijent fl-istess stadju ta' kummerċjalizzazzjoni bħal dak li fih iseħħ il-forniment ta' merkanzija jew servizzi, ikollu jħallas, fil-mument ta' dak il-forniment u taħt kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta, lil fornitur mhux relatat miegħu fit-territorju ta' l-Istat Membru li fih il-forniment ikun taxxabbli.

Fejn ma jista' jiġi aċċertat l-ebda forniment ta' merkanzija jew servizzi komparabbli, 'valur tas-suq miftuħ' għandha tfisser dan li ġej:

(1) fir-rigward ta' merkanzija, ammont li ma jkunx inqas mill-prezz tax-xiri tal-merkanzija jew ta' merkanzija simili jew, fin-nuqqas ta' prezz tax-xiri, il-prezz tal-kost, determinat fil-mument tal-forniment;

[...]".

6 Skont l-Artikolu 73 tad-Direttiva tal-VAT:

"Fir-rigward tal-provvista ta' merkanzija jew servizzi, minbarra kif imsemmi fl-Artikoli 74 sa 77, l-ammont taxxabbli għandu jinkludi dak kollu li jikkostitwixxi ħlas miksub jew li għandu jinkiseb mill-fornitur, għall-provvista [...]".

7 L-Artikolu 74 tad-Direttiva tal-VAT jipprovdi:

"Fejn persuna taxxabbli tapplika jew tiddisponi minn merkanzija li tifforma parti mill-assi tan-negozju tagħha, jew fejn merkanzija hija miżmuma minn persuna taxxabbli, jew mis-suċċessuri tagħha, meta l-attività ekonomika [taxxabbli] tagħha tintemm, kif imsemmi fl-Artikolu 16 u 18, l-ammont taxxabbli għandu jkun il-prezz tax-xiri tal-merkanzija jew ta' merkanzija simili jew, fl-assenza tal-prezz tax-xiri, il-prezz kemm sewa, stabbilit fiż-żmien meta sseħħet l-applikazzjoni, id-disponiment jew iż-żamma."

8 L-Artikolu 80 tad-Direttiva tal-VAT huwa fformulat kif ġej:

"1. Sabiex jimpedixxu l-evażjoni jew l-evitar tat-taxxa, l-Istati Membri jistgħu fil-każijiet li ġejjin jieħdu miżuri sabiex, fir-rigward tal-forniment ta' merkanzija jew servizzi li jinvolvu rabtiet ta' familja jew rabtiet oħra personali qrib, rabtiet ta' ġestjoni, appartenenza, sħubija, finanzjarji jew legali kif definit mill-Istat Membru, l-ammont taxxabbli għandu jkun il-valur tas-suq miftuħ:

(a) fejn il-konsiderazzjoni tkun aktar baxxa mill-valur tas-suq miftuħ u d-destinatarju tal-forniment ma jkollux dritt sħiħ għal tnaqqis taħt l-Artikoli 167 sa 171 u l-Artikoli 173 sa 177;

(b) fejn il-konsiderazzjoni tkun aktar baxxa mill-valur tas-suq miftuħ u l-fornitur ma jkollux dritt sħiħ għal tnaqqis taħt l-Artikoli 167 sa 171 u l-Artikoli 173 sa 177 u l-forniment ikun soġġett għal eżenzjoni taħt l-Artikoli 132, 135, 136, 371, 375, 376, 377, 378(2), 379(2) jew l-Artikoli 380 sa 390;

(ċ) fejn il-konsiderazzjoni tkun ogħla mill-valur tas-suq miftuħ u l-fornitur ma jkollux dritt sħiħ għal tnaqqis taħt l-Artikoli 167 sa 171 u l-Artikoli 173 sa 177.

Għall-finijiet ta' l-ewwel subparagrafu, rabtiet legali jistgħu jinkludu r-relazzjoni bejn min iħaddem u l-impjegat jew il-familja ta' l-impjegat, jew kwalunkwe persuna oħra konnessa mill-qrib.

[...]."

*Id-dritt Bulgaru*

9 Fil-verżjoni tagħha li hija applikabbli għall-kawża prinċipali, il-Liġi dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (Zakon za danak varhu dobavenata stoynost, DV Nru 63, tal-4 ta' Awwissu 2006, iktar 'il quddiem iz-"ZDDS") tipprovdi, fl-Artikolu 27 tagħha, li:

"[...]

3) Għat-tranżazzjonijiet segwenti, il-valur taxxabbli huwa l-valur tas-suq miftuħ:

[…]

2. kunsinna ta’ oġġetti u/jew provvista ta’ servizzi msemmija fl-Artikolu 111;

[…].”

10 L-Artikolu 106 taz-ZDDS jistabbilixxi:

“1) It-tmiem tar-reġistrazzjoni (tħassir) fis-sens ta’ din il-liġi hija proċedura skont liema, b’effett mit-tħassir ta’ persuna, din ma tkunx għadha intitolata li tiffattura l-VAT u li tnaqqas it-taxxa tal-input mħallsa, ħlief għal eċċezzjonijiet previsti minn din il-liġi.

2) Ir-reġistrazzjoni tintemm:

1. fuq l-inizjattiva tal-persuna rreġistrata, meta teżisti raġuni li tiġġustifika t-tħassir — obbligatorju jew fakultattiv — mir-reġistru;

2. fuq l-inizjattiva tal-awtorità tat-taxxa:

   a) meta hija tkun ikkonstatat l-eżistenza ta’ raġuni għat-tħassir obbligatorju;

   b) fil-każ li jissemma fl-Artikolu 176.”

11 Skont l-Artikolu 111 taz-ZDDS:

“1) Fid-data tat-tħassir, għandu jiġi kkunsidrat li l-persuna taxxabbli tagħmel tranżazzjonijiet fis-sens ta’ din il-liġi bl-oġġetti u/jew servizzi eżistenti, li għalihom hija naqqset, kompletament jew parzjalment, it-taxxa tal-input mħallsa u li jikkostitwixxu:

1. elementi tal-attiv fis-sens tal-liġi tal-kontabbiltà [Zakon za schetovodstvoto]; jew

2. elementi tal-attiv fis-sens tal-liġi dwar it-taxxa fuq l-impriżi minbarra dawk imsemmija fl-ewwel punt.

[…].”

12 Il-punt 16, paragrafu 1, tad-dispożizzjonijiet komplementari taz-ZDDS jipprovdi:

“Il-‘valur tas-suq miftuħ’ huwa l-valur fis-sens tal-punt 8, paragrafu 1, tad-dispożizzjonijiet komplementari tal-kodiċi ta’ proċedura fiskali u ta’ sigurtà soċjali [(Danachno-osiguritelnia protsesualen kodeks, DV Nru°105, tad-29 ta’ Diċembru 2005)], li ġie stabbilit skont il-metodi msemmija fil-punt 10, paragrafu 1, tad-dispożizzjonijiet komplementari tal-kodiċi ta’ proċedura fiskali u ta’ sigurtà soċjali.”

13 Il-punt 8, paragrafu 1, tad-dispożizzjonijiet komplementari tal-kodiċi ta’ proċedura fiskali u ta’ sigurtà soċjali jippreċiża:

“Il-‘valur tas-suq miftuħ’ huwa l-ammont, minbarra l-VAT u d-dazji tas-sisa, li għandu jitħallas fl-istess kundizzjonijiet għal oġġett jew servizz identiku jew simili bejn persuni li ma humiex marbuta flimkien.”

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

14 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li Marinov kienet tħassret mir-reġistru tal-VAT fl-4 ta' Novembru 2009 minħabba li naqset milli tosserva l-obbligi tagħha li jirriżultaw miz-ZDDS u, iktar preċiżament, minħabba n-nuqqas ta' ħlas tal-VAT li jikkorrispondi għad-dikjarazzjonijiet tal-VAT għall-perijodu ta' bejn April u Lulju 2009.

15 Matul is-sena 2010, Marinov kienet suġġetta għal kontroll fiskali għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-4 ta' Novembru 2009. Waqt dan il-kontroll, ġie kkonstatat li din l-impriża kienet kriet karozzi u li kienet naqqset il-VAT għal kull kuntratt ta' kiri għal ammont totali ta' BGN 28 426.64. Fil-ġurnata tat-tħassir, hija kellha fil-pussess tagħha dawn il-karozzi kif ukoll karozzi oħra li hija kienet akkwistat u li għalihom kienet tnaqqset il-VAT. L-awtorità tat-taxxa kkunsidrat, fl-avviż tagħha ta' aġġustament fiskali tas-27 ta' April 2011, li, fid-data tat-tħassir, Marinov kienet għamlet, b'dan l-attiv, tranżazzjonijiet taxxabbli fis-sens tal-Artikolu 111 taz-ZDDS.

16 Fir-rigward ta' karozzi li huma proprjetà ta' Marinov, l-imsemmija awtorità, skont il-punt 2 tal-Artikolu 27(3) taz-ZDDS, iddeterminat il-valur taxxabbli tal-VAT billi żammet il-'valur tas-suq miftuħ' tagħhom stabbilit wara stima u pproċediet sabiex tirkupra s-somma ta' BGN 32 124.57 li kienet tikkorrispondi għall-VAT fuq dan il-valur.

17 Wara li d-Direktor ċaħad il-kontestazzjoni tagħha fir-rigward tal-avviż ta' aġġustament fiskali, Marinov ressqet kawża quddiem l-Administrativen sad – Varna. Hija kkontestat, quddiemha, l-istima tal-attiv stabbilita skont il-"valur tas-suq miftuħ" ta' dan tal-aħħar. Peress li hija qieset li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni d-deprezzament ta' dan l-attiv mill-akkwist tagħhom, hija titlob stima sabiex jiġi stabbilit il-valur tagħhom skont l-istandards tal-kontabbiltà fis-seħħ fil-jum tat-tħassir.

18 Il-konvenuta fil-kawża prinċipali qiegħda topponi r-rikors billi ssostni li l-valur tas-suq miftuħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jikkorrispondi għall-valur tax-xiri li l-Artikolu 74 tad-Direttiva tal-VAT jirreferi għalih, peress li jirrigwarda prezz iffissat mill-offerta u mid-domanda fis-suq.

19 Il-qorti tar-rinviju, li għandha tistabbilixxi l-valur taxxabbli u l-ammont tad-dejn tal-VAT, għandha dubju dwar il-kompatibbiltà tal-punt 2 tal-Artikolu 27(3) taz-ZDDS, li jirrikjedi li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-valur tas-suq miftuħ tal-attiv, mal-Artikoli 18(ċ), 74 u 80 tad-Direttiva tal-VAT.

20 Qabelxejn, hija għandha dubju, jekk it-tħassir mir-reġistru tal-VAT skont l-Artikolu 106(1) taz-ZDDS jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 18(ċ) tad-Direttiva tal-VAT.

21 Jekk dan huwa l-każ, hija għandha dubju, sussegwentement, dwar il-kompatibbiltà tal-punt 2 tal-Artikolu 27(3) taz-ZDDS, li jipprovdi li l-valur taxxabbli jikkonsisti fil-valur tas-suq miftuħ tal-attiv, minn naħa, mal-Artikolu 74 tad-Direttiva tal-VAT u, min-naħa l-oħra, mal-Artikolu 80 tal-imsemmija direttiva li jelenka l-każijiet fejn il-valur tas-suq miftuħ jista' jservi ta' valur taxxabbli. Fil-każ ta' risposta pożittiva, hija tistaqsi jekk l-Artikolu 74 tad-Direttiva tal-VAT japplikax direttament.

22 Fl-aħħar nett, peress li l-liġi Bulgara ma tiħux inkunsiderazzjoni l-istat tal-attiv, hija tixtieq tkun taf, fl-ipoteżi fejn l-Artikolu 74 tad-Direttiva tal-VAT ikun direttament applikabbli, sa fejn it-tnaqqis tal-valuri li sar wara l-akkwist tal-attiv għandu jiġi kkunsidrat fl-istabbiliment tal-valur taxxabbli tal-VAT għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 18(ċ) tal-imsemmija direttiva.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Administrativen sad Varna ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 18(ċ) tad-Direttiva [tal-VAT] għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa intiż ukoll għaċ-ċirkustanzi li fihom l-abbandun tal-attività ekonomika taxxabbli huwa dovut għall-fatt li, minħabba tħassir mir-reġistru, il-persuna taxxabbli hija mċaħħda mill-possibbiltà li tiffattura u tnaqqas il-VAT?

2) L-Artkoli 74 u 80 tad-Direttiva [tal-VAT] jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li tipprevedi, fis-sitwazzjoni ta' abbandun tal-attività ekonomika taxxabbli, li l-valur taxxabbli tal-operazzjoni huwa l-valur normali [valur tas-suq miftuħ] tal-attivi eżistenti fil-jum tat-tħassir mir-reġistru?

3) L-Artikolu 74 tad-Direttiva [tal-VAT] għandu effett dirett?

4) Il-medda ta' żmien bejn id-data tax-xiri tal-attivi u d-data tal-abbandun tal-attività ekonomika taxxabbli kif ukoll it-tnaqqis ta' valur li seħħ wara x-xiri tal-attivi, huma importanti għad-determinazzjoni tal-valur taxxabbli fis-sens tal-Artikolu 74 tad-Direttiva?"

## Fuq id-domandi preliminari

*Fuq l-ewwel domanda*

24 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 18(ċ) tad-Direttiva tal-VAT għandux jiġi interpretat fis-sens li jkopri wkoll il-waqfien tal-attività ekonomika taxxabbli li jirriżulta mill-fatt li l-persuna taxxabbli titħassar mir-reġistru tal-VAT.

25 F'dan ir-rigward, huwa xieraq li jitfakkar li, skont l-Artikolu 18(ċ) tad-Direttiva tal-VAT, ħlief għal każijiet imsemmija fl-Artikolu 19 ta' din id-direttiva, iż-żamma ta' oġġetti minn persuna taxxabbli jew mill-aventi kawża tagħha fil-każ ta' waqfien tal-attività ekonomika taxxabbli tagħha, meta dawn l-oġġetti jagħtu lok għad-dritt għal tnaqqis, tista' tiġi assimilata mal-kunsinna ta' oġġetti bi ħlas.

26 Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 18(ċ) tad-Direttiva tal-VAT jirriżulta li dan ikopri l-każ tal-waqfien tal-attività ekonomika taxxabbli b'mod ġenerali, mingħajr ma jagħmel distinzjoni skont ir-raġunijiet jew iċ-ċirkustanzi ta' dan il-waqfien, filwaqt li jeskludi biss il-każijiet imsemmija fl-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-VAT.

27 L-għan prinċipali tal-Artikolu 18(ċ) tad-Direttiva tal-VAT huwa, fil-fatt, li jiġi evitat li oġġetti li jkunu taw lok għad-dritt għal tnaqqis tat-taxxa ma jkunux is-suġġett ta' konsum finali mhux intaxxat wara l-waqfien tal-attività ekonomika taxxabbli, ikunu x'ikunu r-raġunijiet jew iċ-ċirkustanzi ta' tali waqfien.

28 Konsegwentement, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 18(ċ) tad-Direttiva tal-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri wkoll il-waqfien tal-attività ekonomika taxxabbli li tirriżulta mit-tħassir tal-persuna taxxabbli mir-reġistru tal-VAT.

*Dwar it-tieni u r-raba' domandi*

29 Permezz tat-tieni u tar-raba' domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 74 u 80 tad-Direttiva tal-VAT għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi li, fil-każ ta' waqfien tal-attività ekonomika taxxabbli, il-valur taxxabbli tat-tranżazzjoni huwa "il-valur tas-suq miftuħ" tal-oġġetti eżistenti fil-mument ta' dan il-waqfien u li ma tiħux inkunsiderazzjoni bdil fil-valur ta' dawn l-oġġetti bejn id-data tal-akkwist tagħhom u dik tal-waqfien tal-attività ekonomika taxxabbli.

30 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-istabbiliment tal-valur taxxabbli ta' tranżazzjoni bħal dik prevista fl-Artikolu 18(ċ) tad-Direttiva tal-VAT jaqa' taħt l-Artikolu 74 tad-Direttiva tal-VAT u mhux taħt l-Artikolu 80 tagħha. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kundizzjonijiet ta' implementazzjoni ta' dan l-aħħar artikolu huma eżawrjenti u leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax tipprovdi, abbażi ta' din id-dispożizzjoni, li l-valur taxxabbli huwa l-valur fis-suq miftuħ f'każijiet li huma differenti minn dawk elenkati fl-imsemmija dispożizzjoni (ara s-sentenza tas-26 ta' April 2012, Balkan and Sea Properties u Provadinvest, C-621/10 u C-129/11, punti 45, 51 kif ukoll 52). Issa, mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax li s-sitwazzjoni inkwistjoni taqa' taħt wieħed mill-każijiet elenkati fl-imsemmi Artikolu 80.

31 L-Artikolu 74 tad-Direttiva tal-VAT jipprovdi li, għat-tranżazzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-valur taxxabbli għandu jkun il-prezz tax-xiri tal-oġġetti jew ta' oġġett simili jew, fin-nuqqas tal-prezz tax-xiri, il-prezz kemm sewa, stabbiliti fiż-żmien meta seħħew dawn it-tranżazzjonijiet. Dan l-artikolu jikkostitwixxi deroga mir-regola ġenerali msemmija fl-Artikolu 73.

32 Għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet li "l-prezz tax-xiri stabbilit fil-mument tat-tneħħija", fis-sens tal-Artikolu 74 tad-Direttiva tal-VAT, ifisser il-valur residwu tal-oġġett fil-mument tat-tneħħija (ara s-sentenza tas-17 ta' Mejju 2001, Fischer u Brandenstein, C-322/99 u C-323/99, Ġabra p. I-4049, punt 80). Fir-rigward ta' tranżazzjoni ta' applikazzjoni ta' oġġett imsemmija wkoll f'dan l-artikolu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-valur taxxabbli kien il-valur tal-oġġett inkwistjoni stabbilit fil-mument tal-applikazzjoni, li jikkorrispondi għall-prezz fis-suq ta' oġġett simili billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-infiq għat-trasformazzjoni ta' dan l-oġġett (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, Gemeente Vlaardingen, C-299/11, punt 30).

33 Minn dan jirriżulta li l-valur taxxabbli tat-tranżazzjoni fil-każ ta' waqfien tal-attività ekonomika taxxabbli huwa l-valur tal-oġġetti inkwistjoni stabbilit fil-mument ta' dan il-waqfien, li għaldaqstant jieħu inkunsiderazzjoni bdil fil-valur ta' dawn l-oġġetti bejn id-data tal-akkwist tagħhom u dik tal-waqfien.

34 Skont l-Artikolu 27(3) taz-ZDDS, il-valur taxxabbli ta' tranżazzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa "il-valur tas-suq miftuħ" li huwa ddefinit mid-dritt Bulgaru bħala ammont li jitħallas fl-istess kundizzjonijiet għal oġġett identiku jew simili bejn persuni li ma humiex marbuta. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk "il-valur tas-suq miftuħ" skont din id-dispożizzjoni, kif interpretat u implementat mill-awtorità tat-taxxa Bulgara, jikkorrispondix fil-prattika għall-valur residwu tal-oġġetti fid-data tal-waqfien tal-attività ekonomika taxxabbli.

35 Konsegwentement, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni u għar-raba' domanda hija li l-Artikolu 74 tad-Direttiva tal-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi li, fil-każ ta' waqfien tal-attività ekonomika taxxabbli, il-valur taxxabbli tat-tranżazzjoni huwa l-valur tas-suq miftuħ tal-oġġetti eżistenti fid-data ta' dan il-waqfien, sakemm dan il-valur ma jikkorrispondix fil-prattika għall-valur residwu ta' dawn l-oġġetti fl-imsemmija data u sakemm b'hekk tittieħed inkunsiderazzjoni l-bidla fil-valur ta' dawn l-oġġetti bejn id-data tal-akkwist tagħhom u dik tal-waqfien tal-attività ekonomika taxxabbli.

*Fuq it-tielet domanda*

36 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 74 tad-Direttiva tal-VAT għandux effett dirett.

37 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każijiet kollha fejn id-dispożizzjonijiet ta' direttiva jidhru, mill-aspett tal-kontenut tagħhom, mingħajr kundizzjonijiet u suffiċjentement preċiżi, l-individwi jistgħu jinvokawhom quddiem il-qrati nazzjonali kontra l-Istat meta dan jew ikun naqas

milli jittrasponi d-direttiva fid-dritt nazzjonali fit-termini previsti jew ikun għamel traspożizzjoni inkorretta tagħha (ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Orfey Balgaria, C-549/11, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 74 tad-Direttiva tal-VAT jistabbilixxi b'mod ċar u mingħajr kundizzjonijiet il-kriterji li jiddeterminaw il-valur taxxabbli ta' tranżazzjonijiet ta' applikazzjoni ta' oġġetti minn persuna taxxabbli fil-każ ta' waqfien tal-attività ekonomika tagħha. Din id-dispożizzjoni tissodisfa għaldaqstant l-imsemmija kundizzjonijiet.

39 Barra minn hekk, hemm lok li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, hija l-qorti tar-rinviju li għandha, sa fejn id-dritt nazzjonali jagħtiha marġni ta' diskrezzjoni, tinterpreta u tapplika dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali b'mod konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni u, jekk tali interpretazzjoni konformi ma tkunx possibbli, li ma tapplikax kull dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tmur kontra dawn ir-rekwiżiti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Balkan and Sea Properties u Provadinvest, iċċitata iktar 'il fuq, punt 54 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

40 Minn dan jirriżulta li r-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda hija li l-Artikolu 74 tad-Direttiva tal-VAT għandu effett dirett.

**Fuq l-ispejjeż**

41 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 18(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri wkoll il-waqfien tal-attività ekonomika taxxabbli li jirriżulta mit-tħassir tal-persuna taxxabbli mir-reġistru tat-taxxa fuq il-valur miżjud.**

2) **L-Artikolu 74 tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi li, fil-każ ta' waqfien tal-attività ekonomika taxxabbli, il-valur taxxabbli tat-tranżazzjoni huwa l-valur tas-suq miftuħ tal-oġġetti eżistenti fid-data ta' dan il-waqfien, sakemm dan il-valur ma jikkorrispondix fil-prattika għall-valur residwu ta' dawn l-oġġetti fl-imsemmija data u sakemm b'hekk tittieħed inkunsiderazzjoni l-bidla fil-valur ta' dawn l-oġġetti bejn id-data tal-akkwist tagħhom u dik tal-waqfien tal-attività ekonomika taxxabbli.**

3) **L-Artikolu 74 tad-Direttiva 2006/112 għandu effett dirett.**

Firem